

32004R0234

L 40/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

12.2.2004

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 234/2004  
tal-10 ta' Frar 2004**

**dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tal-Liberja u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1030/2003**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 60 u 301 miġjuba fih,

Wara li kkunsidra l-Posizzjoni Komuni tal-Kunsill 2004/137/PESK tal-10 ta' Frar 2004 li tirrigwarda miżuri restrittivi kontra l-Liberja u tirrevoka l-Posizzjoni Komuni 2001/357/PESK <sup>(1)</sup>,

Wara li kunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Fir-Risoluzzjoni tiegħu 1521 (2003) tat-22 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, li aġixxa taħt il-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u li innota ċ-ċirkostanzi mibdula fil-Liberja, partikolarment it-tluq tal-ex President Charles Taylor u l-formazzjoni tal-Gvern Nazzjonali Tranżitorju tal-Liberja, iddeċieda li jimmodifika ċerti miżuri restrittivi imposti kontra l-Liberja permezz tar-Risoluzzjonijiet 1343 (2001) tas-7 ta' Marzu 2001 u 1478 (2003) tas-6 ta' Mejju 2003 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (2) Il-Posizzjoni Komuni 2004/137/PESK tipprevdi l-implimentazzjoni tal-miżuri stipulati fir-Risoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1521 (2003), inkluża projbizzjoni dwar l-assistenza teknika relatata ma' l-attivitajiet militari u l-importazzjoni ta' djamanti ħorox u ta' zkuk tas-siġar tondi u prodotti magħmulha miz-zkuk tas-siġar mil-Liberja.
- (3) Il-Posizzjoni Komuni 2004/137/PESK tipprevdi anki projbizzjoni dwar is-servizzi relatati ma' l-attivitajiet militari, u dwar l-assistenza finanzjarja relatata ma' l-attivitajiet militari, li mhix kwotata fir-Risoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1521 (2003).

- (4) Uħud mill-miżuri previsti mir-Risoluzzjonijiet 1343 (2001) u 1478 (2003) kienu implimentati mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2003 tas-16 ta' Ġunju 2003 li jirrigwarda ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tal-Liberja <sup>(2)</sup>. L-emendi għal daww il-miżuri jaqgħu taħt it-Trattat u, għalhekk, sabiex tiġi evitata kull distorsjoni tal-kompetizzjoni, hija meħtieġa legislażjoni tal-Komunità sabiex timplimenta d-deċiżjonijiet relevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà f'dak li jirrigwarda lill-Komunità. Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, it-territorju tal-Komunità hu meqjus li jinkludi t-territorji ta' l-Istati Membri li għalihom japplika t-Trattat, taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'dak it-Trattat.

- (5) Għall-iskop tal-ċarezza, għandu jiġi adottat test wieħed li jkun fih id-disposizzjonijiet kollha relevanti kif emendati, sabiex jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 1030/2003, li għandu jiġi revokat.

- (6) Sabiex jiġi żgurat illi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjoni li ġejja għandha tapplika:

“assistenza teknika” tfisser kull appoġġ tekniku li jirrigwarda tis-wijiet, żvilupp, manifattura, assemblaġġ, ittestjar, manutenzjoni, jew kull servizz tekniku ieħor, u tista' jiehju forom bħal istruzzjoni, parir, taħriġ, trasmissjoni ta' għarfien dwar ix-xogħol jew snajja' jew servizzi ta' konsulenza. Assistenza teknika tinkludi forom verbali ta' assistenza.

<sup>(1)</sup> Ara paġna 35 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>(2)</sup> ĠU L 150, tat-18.6.2003, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) No 2061/2003 (ĠU L 308, tal-25.11.2003, p. 5).

### Artikolu 2

Għandu jkun projbit:

- (a) li tingħata, tinbiegħ, tiġi provduta jew trasferita assistenza teknika relatata ma' attivitajiet militari u għall-forniment, manifattura, manutenzjoni u użu ta' l-armi u ta' materjal relatat ta' kull tip, inkluż armi u munizzjoni, vetturi militari, apparat, apparat paramilitari, u partijiet ta' sostituzzjoni għal dawk imsemmija qabel, direttament jew indirettament lil kull persuna, entità u korp fil-, jew għall-użu fil-Liberja;
- (b) li jiġi provdut finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' l-attivitajiet militari, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni għall-kreditu ta' l-esportazzjoni, għal kull bejgħ, forniment trasferiment jew esportazzjoni ta' armi jew materjal relatat, direttament jew indirettament lil kull persuna, entità jew korp fil-, jew għall-użu fil-Liberja;
- (c) li jkun hemm parteċipazzjoni, b'għarfien u b'intenzjoni, f'attivitajiet li l-iskop jew effett tagħhom huwa, direttament jew indirettament, li ssir promozzjoni tat-transazzjonijiet msemmija fil-paragrafi (a) u (b)

### Artikolu 3

1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtorità kompetenti, kif elenkata fl-Anness 1, ta' l-Istat Membru fejn il-fornitur tas-servizz huwa stabbilit, tista' tawtorizza l-proviżjoni ta':

- (a) assistenza teknika, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata ma' l-armi u materjal relatat, fejn assistenza ta' dan it-tip jew servizzi huma maħsuba unikament għall-appoġġ u l-użu tal-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Liberja, jew ta'
  - (i) l-armi u materjal relatat maħsub unikament għall-appoġġ ta' u l-użu fi programm internazzjonali ta' taħriġ u riforma għall-forzi armati u pulizija Liberjani jew għal
  - (ii) l-apparat militari mhux letali maħsub unikament għall-użu umanitarju jew protettiv.

2. L-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata għal attivitajiet li diġà seħħew.

### Artikolu 4

1. Fejn attivitajiet ta' dan it-tip ġew approvati minn qabel mill-Kumitat stabbilit permezz tal-paragrafu 21 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU1521 (2003), u permezz ta' deroga mill-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti, kif elenkata fl-Anness 1, ta' l-Istat Membru fejn il-fornitur tas-servizzi huwa stabbilit, tista' tawtorizza l-proviżjoni ta' assistenza teknika relatata ma':

- (a) l-armi u materjal relatat maħsub unikament għall-appoġġ ta' u l-użu fi programm internazzjonali ta' taħriġ u riforma għall-forzi armati u pulizija Liberjani, jew għal
- (b) apparat militari mhux letali maħsub unikament għall-użu umanitarju jew protettiv.

Tali approvazzjoni għandha tinkiseb permezz ta' l-awtorità kompetenti, kif elenkata fl-Anness 1, ta' l-Istat Membru fejn il-fornitur tas-servizzi huwa stabbilit.

2. L-ebda awtorizzazzjonijiet m'għandhom jingħataw għall-attivitajiet li diġà seħħew.

### Artikolu 5

L-Artikolu 2 m'għandux japplika għal ilbies protettiv, inkluż *flak jackets* u elmi militari, esportati temporanjament mill-impjegati tan-Nazzjonijiet Uniti, impjegati ta' l-Unjoni Ewropea, il-Komunità jew l-Istati Membri tagħha, rappreżentanti tal-medja u ħaddiema umanitarji u ta' l-iżvilupp u ħaddiema assoċjati magħhom, għall-użu personali tagħhom biss.

### Artikolu 6

1. L-importazzjoni diretta jew indiretta fil-Komunità tad-djamanti kollha ħorox mill-Liberja, kif imfissra fl-II, irrispettivament minn jekk joriġinawx hemmhekk jew le, għandha tiġi projbita.

2. L-importazzjoni fil-Komunità ta' zkkuk tas-siġar tondi u prodotti taz-zkkuk tas-siġar li joriġinaw fil-Liberja, kif imfissra fl-Anness III, għandha tiġi projbita.

3. Il-parteċipazzjoni, bl-għarfien u bl-intenzjoni, f'attivitajiet li l-iskop jew l-effett tagħhom, direttament jew indirettament, huwa l-promozzjoni tat-transazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, għandha wkoll tkun projbita.

### Artikolu 7

Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u dmirijiet ta' l-Istati Membri taħt il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kummissjoni għandha żżomm il-kuntatti kollha meħtieġa mal-Kumitat stabbilit permezz tal-paragrafu 21 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1521 (2003) għall-għanijiet ta' l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament.

### Artikolu 8

L-Istati Membri għandhom immedjatament jinfurmaw lil xulxin u lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda taħt din id-Direttiva u għandhom ifornu lil xulxin b'kull informazzjoni rilevanti oħra li tkun għad-disposizzjoni tagħhom b'konnessjoni ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari informazzjoni fir-rigward ta' problemi dwar abbuż u infurzar u sentenzi mogħtija minn qradi nazzjonali.

*Artikolu 9*

Il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata biex:

- (a) temenda l-Anness 1 abbażi ta' l-informazzjoni fornita mill-Istati Membri;
- (b) temenda l-Annessi II u III sabiex iġġibhom konformi mat-tibdil li jista' jsir lin-Nomenklatura Kombinata.

*Artikolu 10*

Dan ir-Regolament għandu japplika minkejja kull drittijiet li jiġu konferiti, jew obligazzjonijiet imposti, minn kull ftehim internazzjonali jew kull kuntratt maqbul jew kull liċenza jew permess mogħtija qabel it-13 ta' Frar 2004.

*Artikolu 11*

1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw ir-regolamenti dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw illi jkunu implimentati. Is-sanzjonijeit previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u diswassivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn ir-regoli lill-Kummissjoni mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kull emenda sussegwenti.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, l-10 Frar 2004.

*Artikolu 12*

Dan ir-Regolament għandu japplika:

- (a) fi ħdan it-territorju tal-Komunità, inkluża l-arja tagħha;
- (b) abbord kull ajruplan jew bastiment taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru;
- (ċ) għal kull persuna f'post ieħor li għandha n-nazzjonalità ta' Stat Membru;
- (d) għal kull persuna legali, grupp jew entità li hija inkorporata jew kostitwita taħt il-liġi ta' Stat Membru;
- (e) għal kull persuna legali, grupp jew entità li li tinnegozja fi ħdan il-Komunità.

*Artikolu 13*

Ir-Regolament (KE) Nru. 1030/2003 huwa hawnhekk mħassar.

*Artikolu 14*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. McCREEVY

## ANNEX I

**Lista tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikoli 3 u 4**

## IL-BELĠJU

Servie public fédéral des affaires étrangères, commerce extérieur et coopération au développement  
Egmont 1  
Rue des Petits Carmes 19  
B - 1000 Bruxelles

Federale Overheidsdienst Buitenlandse Zaken, Buitenlandse Handel en Ontwikkelingssamenwerking  
Egmont 1  
Karmelietenstraat 19  
B - 1000 Brussel

Direction générale des affaires bilatérales  
Service "Afrique du sud du Sahara"  
Téléphone (32-2) 501 88 75  
Télécopieur (32-2) 501 38 26

Bilaterale zaken Dienst  
Afrika ten zuiden van de Sahara  
Tel. (32-2) 501 88 75  
Fax (32-2) 501 38 26

Service public fédéral de l'économie, des PME, des classes moyennes et de l'énergie  
ARE 4e o division, Service service des licences Avenue du Général Leman 60  
B - 1040 Bruxelles  
Téléphone (32-2) 206 58 16/27  
Télécopieur (32-2) 230 83 22

Federale Overheidsdienst Economie, KMO, Middenstand en Energie  
BEB, afdeling 4, Dienst vergunningen Generaal Lemanlaan 60  
B - 1040 Brussel  
Tel. (32-2) 206 58 16/27  
Fax (32-2) 230 83 22

Brussel Hoofdstedelijk Gewest - Région de Bruxelles-Capitale (Region Brüssel-Hauptstadt):

Kabinet van de minister van, Begroting, Openbaar Ambt en Externe Betrekkingen van d e Brussel Hoofdstedelijke regering  
Kunstlaan 9  
B - 1210 Brussel

Cabinet du ministre des, du, de la fonction publique et des relations extérieures du gouvernement de la Région de Bruxelles-Capitale  
Avenue des Arts 9  
B - 1210 Bruxelles  
Téléphone (32-2) 209 28 25  
Télécopieur (32-2) 209 28 12

Région wallonne (Wallonische Region):

Cabinet du ministre-président du gouvernement wallon  
Rue Mazy 25-27  
B-5100 Jambes-Namur  
Téléphone (32-81) 33 12 11  
Télécopieur (32-81) 33 13 13

Vlaams Gewest (Flämische Region):

Administratie Buitenlands Beleid  
Boudewijnlaan 30  
B - 1000 Brussel  
Tel. (32-2) 553 59 28  
Fax (32-2) 553 60 37

## Id-DANIMARKA

Erhvervs- og Boligstyrelsen  
 Dahlerups Pakhus Langelinie Allé 17  
 DK-2100 København Ø  
 Tlf. (45) 35 46 60 00  
 Fax (45) 35 46 60 01

Udenrigsministeriet  
 Asiatick Plads 2  
 DK-1448 København K  
 Tlf. (45) 33 92 00 00  
 Fax (45) 32 54 05 33

Justitsministeriet  
 Slotsolmsgade 10  
 DK-1216 København K  
 Tlf. (45) 33 92 33 40  
 Fax (45) 33 93 35 10

## Il-ĠERMANJA

Rigward finanzjament u assistenza finanzjarja

Deutsche Bundesbank  
 Servicezentrum Finanzsanktionen  
 Postfach  
 D-80281 München  
 Tel.: (49-89) 28 89 38 00  
 Fax: (49-89) 35 01 63 38 00

Rigward servizzi tekniċi u servizzi oħra:

Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle (BAFA)  
 Frankfurter Straße 29-35  
 D-65760 Eschborn  
 Tel.: (49) 619 69 08-0  
 Fax: (49) 619 69 08-800

## Il-GREĊJA

A. *Iffriżar ta' l-assi*

Ministeru ta' l'Ekonomija u Finanzi  
 Direktorat Ġenerali tal-Politika Ekonomika  
 5 Triq Nikis.  
 GR-101 80 Ateni  
 Tel. (30) 210 333 27 86  
 Fax (30) 210 333 28 10

## A. ΔΕΣΜΕΥΣΗ ΚΕΦΑΛΑΙΩΝ

Υπουργείο Οικονομίας και Οικονομικών  
 Γενική Διεύθυνση Οικονομικής Πολιτικής  
 Νίκης 5  
 GR-101 80 Αθήνα  
 Τηλ. (30) 210 333 27 86  
 Φαξ (30) 210 333 28 10

B. *Restrizzjonijiet dwar l-Importazzjoni u l-Esportazzjoni*

Ministeru ta' l-Ekonomija u l-Finanzi  
 Direktorat Ġenerali għall-Ippjanar u l-Immaniġġjar tal-Politika  
 Triq Kornaroy. 1  
 GR-105 63 Ateni  
 Tel. (30) 210 328 64 01-3  
 Fax (30) 210 328 64 04

## B. ΠΕΡΙΟΡΙΣΜΟΙ ΕΙΣΑΓΩΓΩΝ — ΕΞΑΓΩΓΩΝ

Υπουργείο Οικονομίας και Οικονομικών  
 Γενική Διεύθυνση Σχεδιασμού και Διαχείρισης Πολιτικής  
 Κορνάρου 1  
 GR-105 63 Αθήνα  
 Τηλ. (30) 210 328 64 01-3  
 Φαξ (30) 210 328 64 04

## SPANJA

Ministerio de Economía  
Dirección General de Comercio e Inversiones  
Paseo de la Castellana, 162  
E - 28046 Madrid  
Tel.: (34) 913 49 38 60  
Fax (34) 914 57 28 63

## FRANZA

Ministère de l'économie, des finances et de l'industrie  
Direction générale des douanes et des droits indirects  
Cellule embargo - Bureau E2  
Téléphone (33) 144 74 48 93  
Télécopieur (33) 144 74 48 97

Ministère des affaires étrangères  
Direction des unies et des internationales  
Téléphone (33) 143 17 59 68  
Télécopieur (33) 143 17 46 91

## L-IRLANDA

Dipartiment ta' l-Impriża, Snajja' u Impjieg  
Unit tal-Liċenzar  
Earlsfort Centre  
Triq Lower Hatch  
Dublin 2  
l-Irlanda  
Tel.: (353) 1 631 2121  
Fax (353) 1 631 2562

## L-ITALJA

Ministero degli Affari esteri  
DGAS.-Uff. I  
Roma  
Tel. (39) 06 36 91 4492/2988/5805  
Fax (39) 06 36 91 5446

Ministero del Commercio estero  
Gabinetto Roma  
Tel. (39) 06 59 93 23 10  
Fax (39) 06 59 64 74 94

Ministero dei Trasporti  
Gabinetto Roma  
Tel. (39) 06 44 26 71 16/84 90 40 94  
Fax (39) 06 44 26 71 14

## IL-LUSSEMBURGU

Ministère des affaires étrangères  
Office des licences  
21, rue Philippe II  
L - 2340 Lussemburgu  
Téléphone (352) 478 23 70  
Télécopieur (352) 46 61 38

## L-OLANDA

Ministerie van Economische Zaken  
Buitenlandse Economische Betrekkingen  
Directie Handelspolitiek en Investeringsbeleid  
Bezuidenhoutseweg 153  
2594 AG Den Haag  
Nederland  
Tel. (31) 70 379 7658  
Fax (31) 70 379 7392

## L-AWSTRIJA

Bundesministerium für Wirtschaft und Arbeit  
Abteilung C/2/2  
Stubenring 1  
A - 1010 Wien  
Tel.: (43-1) 711 00  
Fax (43-1) 711 00-83 86

## Il-PORTUGALL

Ministério dos Negócios Estrangeiros  
Direcção-Geral dos Assuntos Multilaterais  
Largo Rilvas  
P - 1350-179 Lisboa  
Tel.: (351-21) 394 60 72  
Fax (351-21) 394 60 73

## Il-FINLANDJA

Ulkoasiainministeriö/Utrikesministeriet  
PL/PB 176  
FIN - 00161 Helsinki/Helsingfors  
P./Tfn (358-9) 16 05 59 00  
Faksi/Fax (358-9) 16 05 57 07

Puolustusministeriö/Försvarsministeriet  
Eteläinen Makasiinikatu 8/Södra Magasinsgatan 8  
FIN - 00131 Helsinki/Helsingfors  
PL/PB 31  
P./Tfn (358-9) 16 08 81 28  
Faksi/Fax (358-9) 16 08 81 11

## L-ISVEZJA

Inspektionen för strategiska produkter (ISP)  
Box 70 252  
107 22 Stockholm  
Tfn (46-8) 406 31 00  
Fax (46-8) 20 31 00

Regeringskansliet Utrikesdepartementet

Rättssekretariatet för EU-frågor Fredsgatan 6 103 39 Stockholm  
Tfn (46-8) 405 10 00  
Fax (46-8) 723 11 76

## IR-RENJU UNIT

Unit tal-Liċenzar tas-Sanzjonijiet  
Organizzazzjoni tal-Kontroll ta' l-Esportazzjoni Dipartiment Kummerċ u l-Industrija  
4 Abbey Orchard Street  
LondraSW1P 2HT  
Renju Unit  
Tel.: (44) 20 7215 0594  
Fax (44) 20 7215 0593

---

## ANNEX II

**Id-djamanti ħorox imsemmija fl-Artikolu 6(1)**

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
7102 10 00	Djamanti mhux magħżula, ħorox mhux immontati jew iffissati
7102 21 00	Djamanti industrijali, ħorox jew sempliċement segati, mxaqqa jew bruttati
7102 31 00	Djamanti mhux industrijali, ħorox jew sempliċement segati, mxaqqa jew bruttati
7105 10 00	Trab tad-djamanti

## ANNEX III

## Zkuk tas-siġar tondi u prodotti ta' l-injam imsemmija fl-Artikolu 6(2)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
4401	Injam għall-karburant, fi zkuk, akwartjeramenti, fi zkuk żgħar, faxxini jew forom simili oħra: injam f'ċippi jew partiċelli; ċana u skart ta' l-injam kemm jekk miġbura fi zkuk, briketti, pallini jew forom oħra simili
4402	Karbonju ta' l-injam (inkluż karbonju tal-qoxra jew bil-qalba), kemm jekk miġbur flimkien kif ukoll jekk mhux
4403	Injam fis-selvaġġ, kemm jekk imqaxxar mill-qoxra jew injam imnixxef, jew skwerrat b'mod mhux preċiż
4404	Injam għaċ-ċerkji, arbli maqsuma, pikketti u pali tal-injam, ippuntati iżda mhux issegati mit-tul; stiekek tal-injam, ittrimmjati fuq fuq iżda mhux imdawrin, mgħawġa jew maħduma b'mod ieħor, adattati għall-manifattura ta' bsaten tal-mixi, umbrellel, manilji tal-għodda jew simili, injam taċ-ċippi u simili
4405	Suf tal-injam; tqiq tal-injam
4406	Rampi ( <i>cross-ties</i> ) tal-linji tal-ferrovjarji jew tat-tram tal-injam
4407	Injam issegat jew iċċippjat għat-tul, imqatta' jew mqaxxar, kemm jekk ippjanat jew le, imrammel jew iġġontat fit-tarf, ta' ħxuna li taqbeż is-6 mm
4408	Folji għall-impallaċjar (inkluż dawk miksuba bit-tqattigħ tal-injam laminat), għall- <i>plywood</i> jew għal injam simili laminat u injam ieħor, issegat għat-tul, mqatta' jew mqaxxar, kemm jekk ippjanat jew le, imrammel jew iġġontat fit-tarf, ta' ħxuna li taqbeż is-6 mm
4409	Injam (inkluż strippi u fregġi għall-pavimentar bil- <i>parquet</i> , mhux assemblati) iffurmati b'mod kontinwu (illingwati, iggruvjati, kamferati, ribattuti, iġġontati forma ta' V, iffurmati, ittondjati jew ħwejjeġ simili) matul kull xifer, truf jew faċċati tiegħu kemm jekk ippjanati kif ukoll le, imrammla jew iġġontati fit-truf.
4410	Tavla tal-partiċelli jew tavla simili (per eżempju tavla <i>strand</i> orjentata u <i>waferboard</i> ) ta' l-injam jew materjali linejużi oħra, kemm jekk agglomerati ma' reżini jew sustanzi organiċi li jgħaqqdu oħrajn u kemm jekk le
4411	<i>Fibreboard</i> ta' l-injam jew materjali linejużi oħra, kemm jekk mgħaqqda ma' reżini jew sustanzi organiċi oħra u kemm jekk le
4412	<i>Plywood</i> , pannelli inġustati jew injam laminat simili
4413	Injam densifikat, fi blokki, platti, strippi jew forom tal-profilu
4414	Inkwadri ta' l-injam għall-pitturi, ritratti, mirja jew oġġetti simili
4415	Kaxxi għall-imballaġġ, kaxxi, ċilindri jew imballaġġi oħra, ta' l-injam; ċilindri bil- <i>cable</i> ta' l-injam; paletti, palletti tal-kaxxi u tavli oħra tat-tagħbija, ta' l-injam, kullari tal-paletti ta' l-injam
4416	Krietel, btieti jew prodotti oħra tal-koppara u partijiet minnhom, ta' l-injam, inkluż pentagrammi
4417	Għodda, korpi tal-għodda, manilji tal-għodda, korpi u manilji ta' l-ixkupi u broxkijiet, ta' l-injam; lazzijiet taż-żraben jew boots jew siġar, tal-injam
4418	Falenjamerija tal-benneja u karpenterija ta' l-injam, inkluż panelli ta' l-injam ċellolari, panelli assemblati tal- <i>parquet</i> , ċjotti u taħlitiet
4419	Pożati tal-mejda u tal-kċina, tal-injam
4420	<i>Marquetry</i> ta' l-injam u injam interzjat; krieta u kaxxi għall-ġojjellerija jew pożati, jew artikoli simili, ta' l-injam, statwetti jew ornamenti oħra, ta' l-injam; artikoli ta' l-injam tal-għamara li ma jaqgħux fil-Kapitolu 94 NM
4421	Artikoli oħra ta' l-injam
4701	Polpa ta' l-injam mekkanika
4702	Polpa ta' l-injam kemikali fi gradi li jiddissolvu
4703	Polpa kemikali ta' l-injam, sodju jew sulfat, minbarra gradi li jiddissolvu
4704	Polpa ta' l-injam kemikali, sulfat, minbarra gradi jiddissolvu

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
4705	Polpa ta' l-injam ottenuta b'kombinazzjoni ta' proċessi ta' ippulpjar mekkaniċi u kimiċi
9401 61	Sedili oħra b'qafas tal-injam
9401 69	Sedili oħrajn, b'qafas ta' l-injam, li m'humiex ittapezzati
9401 90 30	Partijiet tas-sedili ta' tip li jintużaw fl-ajruplani, ta' l-injam
9403 30	Għamara ta' l-injam tat-tip li tintuża fl-uffiċċji
9403 40	Għamara ta' l-injam tat-tip li tintuża fil-kċina
9403 50	Għamara ta' l-injam tat-tip li tintuża fil-kamra tas-sodda
9403 60	Għamara oħra ta' l-injam
9406 00 20	Bini ta' l-injam iffabbrikati minn qabel
ex 9705	Biċċiet ta' l-injam tal-kollezzjonisti
ex 9706	Antikitajiet ta' l-injam